**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 685/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ritienne Gauci)**

**Vs**

**Omissis**
**Abigail Mc Manus Sultana**

**Illum 30 ta’ Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta’ Omissis **u** ta’ Abigail Mc Manus Sultana ta’ tmienja u għoxrin (28) sena, bint Mark u Natalie neè Sultana, imwielda l-Pietà nhar il-25 ta’ Jannar 1994, residenti ġewwa fond Nru.144, Mayflower, Triq Santa Tereża, Żabbar, u detentriċi ta’ Karta ta’ l-Identità bin-Numru 55494(M), talli nhar is-6 ta’ Settembru 2022, għall-ħabta ta’ bejn it-8:00 u d-9:00 ta’ filgħaxija, ġewwa Splash and Fun Water Park, Tul il-Kosta, Naxxar:

1. Ikkommettew serq ta’ mobile phone għad-dannu ta’ Nadia Koger Enriquez, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta’ l-oġġetti misruqa li ma jeċċedix is-somma ta’ elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod ieħor li ndaħlu biex jbiegħhom jew imexxuhom;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta’ Omissis waħdu:

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, naqas mill jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta (Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D.) b’digriet datat 4 ta’ Frar 2022 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien mill-arrest b’diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta’ natura volontarja;

4. U finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija l-Qorti: (i) flimkien mal-piena skond il-Liġi, tordna r-revoka *contrario imperio* tad-Digriet li bih Omissis ingħata l-ħelsien mill-

arrest u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u kif ukoll tordna li s-sommom bħala depożitu u garanziji personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna li l-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2022, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markati Dok. "RG1" sa' Dok. "RG12" a fol. 7 sa' 29 tal-proċess;

Rat li fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2022[1] l-imputata, filwaqt li ddikjarat li ma għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġbet li ma hijiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022, l-imputata rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha.

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022, l-imputata ddikjarat li hija disposta tħallas il-valur tal-mobile phone misruq u rat li l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-valur tal-mobile phone in kwistjoni huwa ta' €1,089, il-veraċità ta' liema ammont ma ġietx kontestata mid-Difiża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata, flimkien ma' persuna oħra, qed tiġi mixlija talli nhar is-6 ta' Settembru 2022, għall-ħabta ta' bejn it-8:00 u d-9:00 ta' filgħaxija, ġewwa Splash and Fun Water Park, Tul il-Kosta, Naxxar: (1) Ikkommettew serq ta' mobile phone għad-dannu ta' Nadia Koger Enriquez, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' l-oġġetti misruqa li ma jeċċedix is-somma ta' elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin; (2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod ieħor li ndaħlu biex jbigħhom jew imexxuhom.

Għalkemm għall-ewwel l-imputata ddikjarat li ma hijiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022 irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontriha. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha, skond dak osservat iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, issib lill-imputata ħatija ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni: (a) in-natura tar-reati li bihom qed tiġi mixlija l-imputata, (b) il-fatt li l-imputata għandha fedina penali relattivament netta u ma jirriżultax li già nstabet ħatja tar-reat ta' serqa, (ċ) li l-istess imputata rreġistrat ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri u li (d) it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata hija kjarament alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha.

Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata in kwantu hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta fil-

[1] Fol. 30 tal-proċess.

konfront tagħha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata ħatja, fuq ammissjoni tagħha stess, ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħha iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ is-sorveljanza ta' l-imputata minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tagħha kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmija imputata, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem li hija tifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqha bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha ma' tali Ordni ta' Probation jew tagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, hija tista' tingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 24 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputata tħallas lil Nadia Koger Enriquez is-somma ta' €1,089 rappreżentanti l-valur tal-mobile phone misruq. Dan il-pagament għandu jsir permezz ta' żewġ (2) pagamenti mensili konsekuttivi ta' €544.50 kull wieħed, bl-ewwel pagament isir dovut u pagabbli fid-19 ta' Diċembru 2022 u tieni pagament isir dovut u pagabbli fid-19 ta' Jannar 2023.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Probation anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**